***- Hlas ta' bilanc tal-prezz -***

***- Preskrizzjoni; Art. 2148 (b) tal-Kap 16 -***

***- Kawzi li jiksru l-preskrizzjoni -***

***- Artikoli 2134; 2136 tal-Kap 16 -***

***-Pagament/hlas akkont -***

***- Formalizmu esegerat -***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tlieta 2 t'Ottubru, 2001

**Kawza Numru: 24**
**Citazzjoni Numru: 1431/95/RCP**

**L-Avukat Dottor Anthony J Vella, ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera SCT Finance Ltd, Renju Unit**

**vs**

**Joseph Micallef**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 3 fejn gie premess:-

Illi l-konvenut huwa debitur tal-attur nomine ghas-somma ta' l-ekwivalenti fl-Liri Maltin ta' disghat elef erba' mija u hamsa u disghin Liri Stellini u disgha u hamsin "pence" (Stg9,495.59), kif jidher minn *statement* hawn anness u markat Dok "A", rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' vettura mibjugha u kkonsenjata lill-istess konvenut, liema ammont huwa l-bilanc dovut sallum;

Illi ghalkemm il-konvenut gie nterpellat diversi drabi mis-socjeta' estera biex ihallas id-debiti dovuti, huwa baqa' inadempjenti;

Illi l-ammont hu cert, likwidu u dovut, u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-artikolu 167-170 tal-Kodici tal-Procedura Civili, u l-istanti qed jannetti ma' dan l-att Affidavit markat Dok "B" a tenur tal-istess artikolu tal-Kodici tal-Procedura Civili;

L-istess attur nomine talab li l-konvenut jghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi, m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1) Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti, b'dispensa ghas-smiegh tal-kawza *ai termini* tal-artikoli 167-170 tal-Kodici tal-Procedura Civili.

2) Tikkundannah ihallas is-somma ekwivalenti f'Liri Maltin ta' disa' t'elef erba' mija u hamsa u disghin Liri Sterlini u disgha u hamsin "pence" (Stg9,495.59) rapprezentanti l-bilanc dovut fuq vettura mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut mill-attur nomine.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid u Mpediment tas-Safar datati 2 t'Awissu 1995, u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sal-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 4 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda a fol 5 tal-process u d-dokumenti esebiti a fol 6 sa 8 tal-process.

Rat il-verbal tas-16 ta' Ottubru 1995, tat-18 ta' Ottubru 1995, fejn il-konvenut gie msejjah tlett darbiet baqa' ma deherx u l-kawza giet deciza.

Rat is-sentenza tas-6 ta' Frar 1996 moghtija mill-Qorti tal-Appell li biha l-atti gew rinvijati lil din il-Qorti ghall-kontinwazzjoni u decizjoni skond il-ligi u rriappuntat il-kawza ghat-22 ta' April 1996.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet a fol 16 tal-process fejn gie eccepit:

1. Illi in linea preliminari in-nuqqas ta' gurisdizzjoni u kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti stante illi l-kuntratt gie patwit l-Iskozja fejn gie ezegwit u ghalhekk hija kompetenti l-Qorti Skocciza.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni l-ecipjent mhuwiex il-legittimu kontradittur tal-attur nomine peress li mieghu ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika billi ma kellu mieghu ebda negozju. Ghalhekk l-eccippjent ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra l-attur nomine.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti l-azzjoni odjerna hija nulla stante illi l-procedura stabbilita mill-ligi fl-Artikolu 167 tal-Kodici tal-Procedura u Organizazzjoni Civili ma gietx segwita bir-reqqa mill-attur nomine u dan billi l-affidavit tieghu m'huwiex uniformi mad-disposizzjonijiet kollha tal-istess Artikolu partikolarment tal-proviso li hemm mas-subartikolu (1) tal-Artikolu 167 u s-subartikolu (2) tal-istess Artikolu.

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti l-eccipjenti qatt ma gie nterpellat ghall-hlas mill-attur nomine u ghalhekk f'kaz ta' sokkombenza dan m'ghandux ibati spejjes.

5. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, u fil-mertu, kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni

tal-kawza l-karozza mertu ta' din l-azzjoni kienet difettuza u mhux l-istess wahda li fuqha kien sar il-ftehim.

6. Illi l-azzjoni tal-attur nomine hija preskritta ghal kull fini u effett tal-ligi u dan abazi tal-Artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili Kap 16.

Salv eccezzjonijiet ohra

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol 17 tal-process.

Rat il-verbal tat-22 ta' April 1996 fejn id-difensuri talbu li jaghmlu nota tal-osservazzjonijiet dwar l-ewwel eccezzjoni, u l-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni dwar l-ewwel eccezzjoni.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet ta' Joseph Micallef tat-22 ta' Mejju 1996 a fol 20A sa 22 tal-process.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet ta' l-attur Anthony J. Vella nomine tal-24 ta' Lulju 1996 (fol 24 sa 27 tal-process).

Rat il-verbal tas-16 ta' Ottubur 1996 fejn Dr Vella ddikjara li m'ghandux xi jzid man-Nota tal-osservazzjonijiet u l-kawza tista' tibqa' ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni, il-kawza giet differita ghat-28 ta' Frar 1997 ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni.

Rat il-verbal tat-28 ta' Frar 1997 fejn il-kawza giet deciza in parte, fis-sens li l-Qorti cahdet l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni u kompetenza u ddikjarat li l-kawza taqa' taht il-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti, ghalhekk il-kawza giet differita ghad-19 ta' Mejju 1997 ghall-provi tal-konvenut dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Rat il-verbali tad-19 ta' Mejju 1997 fejn Dr Joseph Sammut iddikjara illi jixtieq jirregola ruhu dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni in vista ta' informazzjoni moghtija lilu mill-konvenut, tat-23 ta' Gunju 1997, tal-10 ta' Novembru 1997, tat-28 ta' Jannar 1998, tat-13 ta' Marzu 1998, tat-3 ta' Gunju 1998 u tal-24 ta' Gunju 1998.

Rat in-nota ta' Dr Joseph M Sammut tas-16 ta' Ottubru 1998 fejn permezz taghha irrinunzja ghall-patrocinju tal-konvenut.

Rat il-verbali tat-30 ta' Novembru 1998 u tat-12 ta' April 1999 fejn il-kawza giet differita *sine die*.

Rat ir-rikors ta' Dr Anthony J Vella nomine tal-14 ta' April 1999 u d-digriet tal-Qorti tas-16 ta' April 1999 fejn il-Qorti laqghet it-talba u rriappuntat il-kawza ghas-smiegh ghall-10 ta' Jannar 2000.

Rat ir-rikors tad-29 ta' Ottubru 1999 ta' Dr Anthony Vella nomine u d-digriet tal-Qorti tas-7 ta' Novembru 1999 fejn wara li rat l-Artikolu 187 (3) tal-Kap 12, laqghet it-talba u

ordnat in-notifika tal-konvenut permezz tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

Rat l-estratt mill-Gazzetta tal-Gvern tas-16 ta' Novembru 1999 (fol 54).

Rat il-verbali tal-10 ta' Jannar 2000, tat-8 ta' Marzu 2000 u tal-10 ta' April 2000.

Rat in-nota tas-socjeta` attrici tal-10 ta' April 2000 fejn permezz taghha gew esebiti pubblikazzjonijiet fil-Gazzetti Lokali.

Rat il-verbali tat-2 ta' Gunju 2000 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta, tas-7 ta' Novembru 2000 fejn Dr Vella ddikjara li m'ghandux provi aktar u inghata digriet tal-affidavit tal-konvenut ta' 40 jum, tat-28 ta' Frar 2001 u tas-16 ta' Mejju 2001 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-12 ta' Lulju 2001 u dan peress li l-konvenut la ressaq xhieda u lanqas ipprezenta affidavits.

Rat il-verbal tat-12 ta' Lulju 2001 fejn peress li l-Qorti ghandha bzonn aktar zmien ghall-prolazzjoni tas-sentenza il-kawza giet differita ghat-2 ta' Ottubru 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-attur nomine qed jaghmel din il-kawza stante li qed jallega li ghandu jiehu minghand il-konvenut is-somma ekwivalenti f'Liri Maltin ta' disghat elef erba' mija u hamsa u disghin Liri Sterlini u disgha u hamsin *"pence"* (Stg9,495.59) rappresentanti l-bilanc dovut fuq vettura mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut mill-attur nomine

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li skond l-i*statement of account* datat 3 ta' Ottubru 1995 esebit a fol. 6 u 7 tal-process bhala Dok. "AG" jirrizulta li l-prezz tal-istess vettura inkluz ic-*charges* u spejjez ohra kien jammonta ghall 13,796 stg. u wara diversi pagamenti l-ammont fit-11 ta' Awissu 1995 nizel proprju ghas-somma ta' 13,796 lira sterlina.

Illi l-konvenut *inter alia* allega li l-karozza kienet difettuza ghaliex kienet involuta f'habta u ma kienitx dik li sar il-ftehim fuqha; minbarra dan fin-nota tal-osservazzjonijiet sostna li parti min-negozju kien li huwa jpartat il-karozza tieghu ma' dik mertu tal-kawza odjerna, u minhabba l-istess difett il-konvenut ried li jiehu l-karozza lura u ghalhekk allega wkoll li sar ftehim tramite liema l-konvenut ma kien ghad baqghalu jaghti l-ebda ammont.

Illi mill-atti processwali ta' din il-kawza l-konvenut ma ressaq ebda provi kwalunkwe la dwar l-allegati difetti u lanqas dwar l-allegazzjoni li l-karozza ma kienitx dik li sar

il-ftehim dwarha, u l-istess nuqqas ta' provi jirrizultaw dwar l-allegazzjoni tieghu li sar ftehim bejn il-partijiet fejn gie allegatament pattwiet li huwa ma ghandu jaghti xejn lill-attur nomine.

Illi certament li fid-dawl ta' dan in-nuqqas ta' provi da parte tal-konvenut il-hames (5) eccezzjoni tieghu ma tistax tigi milqugha, stante li *ai termini* tal-ligi kien oneru tieghu li jipprova l-allegazzjonijiet minnu vantati, liema oneru certament ma issodisfahx peress li lanqas ressaq il-minimu ta' prova dwar dan il-kaz, izda ura disinteress totali fl-istess kawza u dan minkejja li l-Qorti tat opportunita' lill-konvenut li jressaq il-provi tieghu kemm permezz tal-procedura tal-affidavit b'digriet tas-7 ta' Novembru 2000 (fol.63) u kemm *viva voce* fis-seduti tat-28 ta' Frar 2001 u tas-16 ta' Mejju 2001, u minflok l-konvenut la deher u lanqas ressaq il-provi tieghu.

Illi dan qed jinghad ukoll apparti l-fatt li anke abbazi tad-dokumenti esebiti ma jirrizultax li sar xi ftehim kif allegat mill-konvenut peress li jirrizulta li l-konvenut baqa' jaghmel pagamenti akkont skond l-i*statement* esebit bhala Dok. "AG" a fol. 6 u 7 tal-process sad-9 ta' Gunju 1994 fejn hallas jew gie akkreditat l-ammont ta' 3,000 stg. u mill-istess *statement* ma jirrizultax li sar il-ftehim allegat mill-konvenut.

Illi dwar it-tieni eccezzjoni fejn l-istess konvenut qed jallega li huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur, jinghad ukoll li l-

istess konvenut ma gab ebda prova kwalunkwe dwar l-istess, u mill-unika dokumenti li jinsabu esebiti fil-process u fuq indikati (Dok. "AG") jirrizulta li n-negozju sar proprju mal-konvenut Joseph Micallef. Mhux hekk biss izda fin-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenut innifsu datata 22 ta' Mejju 1996 huwa stess issostni li *"l-konvenut kien dahal f'negozju ta' kompra vendita gewwa l-Iskozja f'Awissu 1993"* (fol.20A), u ghalhekk anke din it-tieni eccezzjoni ma ghandha ebda fondament legali u fattwali u ghalhekk qed tigi michuda.

Illi l-konvenut ecceppixxa l-preskrizzjoni abbazi tal-**artikolu 2148 (b) tal-Kap 16** li tippreskrivi l-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar ghall-*"azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli, mibjugha bl-imnut".*

Illi jirrizulta mill-provi prodotti, u dwar dan hemm qbil bejn il-partijiet, li n-negozju mertu tal-kawza odjerna sar fil-10 ta' Awissu 1993, u l-azzjoni odjerna giet ippresentata fit-12 ta' Ottubru 1995 u nnotifikata lill-konvenut fis-16 ta' Ottubru 1995; izda pero' jirrizulta wkoll mid-Dok. "AG" li l-konvenut ghamel diversi pagamenti akkont tal-prezz fosthom dawk tat-18 ta' April 1994, 10 ta' Mejju 1994, u l-ahhar wiehed fid-9 ta' Gunju 1994, u ghalhekk tali pagamenti jew hlasijiet akkont iwasslu ghat-tkissir tal-preskrizzjoni skond dak stipulat fl-**artikolu 2134 tal-Kap 16,** b'dan ghalhekk li *ai termini* tal-**artikolu 2136 tal-Kap 16,** *"meta l-preskrizzjoni tigi miksura, iz-zmien li jkun ghadda qabel ma jghoddx*

*ghaliex wiehed jippreskrivi"* ghalkemm *"il-preskrizzjoni tista' tibda miexja mill-gdid".*

Illi ghalhekk fl-isfond ta' dan kollu u jekk wiehed jiehu biss l-ahhar pagament ta' 3,000 lira sterlina li sar mill-konvent fl-10 ta' Gunju 1994, u tenut kont tal-fatt li c-citazzjoni attrici giet presentata fit-12 ta' Ottubru 1995 u notifikata fis-16 ta' Ottubru 1995, ma jirrizultax ghalhekk li giet ippruvata l-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar ecceppita mill-konvenut, ghaliex jidher li l-istess terminu ma lahaqx iddekorra mill-ahhar pagament tal-konvenut sal-presentata w anke notifika tac-citazzjoni attrici lilu, u ghalhekk anke din is-sitt (6) eccezzjoni ghandha tigi michuda.

Illi fl-isfond ta' dan kollu jinghad ukoll li t-tielet eccezzjoni moghtija skond l-**artikolu 167 (1) u (2) tal-Kap 12** ma twassalx ghan-nullita' tac-citazzjoni attrici, u dan anke peress li din hija sa certu punt kwistjoni ta' formalismu esagerat li ma ghadux jifforma parti mill-gurisprudenza nostrali specjalment ghal dik li hija eccezzjoni ta' nullita' ta' kawza, u dan apparti l-fatt li l-procedura segwita attwalment minn din il-Qorti ma kienitx wahda ta' giljottina, tant li din il-kawza hadet il-kors normali taghha, u l-konvenut ressaq ukoll l-eccezzjonijiet tieghu, u ma kien bl-ebda mod ippregudikat. Jinghad ukoll li tali dokument "AG" u affidavit tal-attur bl-ebda mod ma gew ikkontestati, u ghalhekk it-tielet (3) eccezzjoni ghandha wkoll tigi michuda.

Illi r-raba' eccezzjoni qed tigi wkoll michuda stante li ma ghandha ebda bazi guridika stante li jirrizulta li in effetti l-istess konvenut gie interpellat diversi drabi mill-attur nomine kif jirrizulta proprju mill-*istatement* stess li kien jintbaghat lill-konvenut regolarment, u meta l-istess baqa' inadempjenti saret din il-kawza.

Illi jinghad ukoll li l-ewwel eccezzjoni gja giet michuda permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tas-26 ta' Frar 1997.

Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

2) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici u lill-attur nomine is-somma ekwivalenti f'Liri Maltin ta' disa' t' elef erba' mija u hamsa u disghin Liri Sterlini u disgha u hamsin "*pence*" (Stg9,495.59) rappresentanti l-bilanc dovut fuq vettura mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut mill-attur nomine.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid u Mpediment tas-Safar datati 2 t'Awissu 1995, u bl-imghax legali mid-

data tal-konsenja fl-10 ta' Awissu 1993 sal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**2 ta' Ottubru 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**2 ta' Ottubru 2001**